MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 15 ta' Mejju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Aidan Bartolo**
**(ID: 225497M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Aidan Bartolo** talli nhar id-9 ta' Mejju 2017, ghall-habta tan-nofssiegha ta' billejl (00.30hrs) gewwa Triq San Frangisk fil-Floriana u/jew f'inhawi ohra ta' dawn il-gzejjer;

**1.** Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-

1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digriet datat 29 ta' Jannar 2017 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dott. Charmaine Galea LL.D. li permezz tieghu huwa nghata l-helsien mill-arrest bil-kundizzjoni li jibqa' jirresjedi f'27, Twilight, Triq il-Hobbejza, Ghaxaq u ma johrogx minn dan il-fond bejn id-disgha ta' filghaxija (21.00hrs) u l-hamsa u nofs ta' filghodu (05.30hrs) filwaqt illi jiffirma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Hadd u dan bi ksur tal-Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif moghtija nhar it-3 ta' Novembru 2016 mill-Magistrat Dr. Frendo Dimech LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel ai termini tal-Artikolu 28B tal Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-riarrest tal-imsemmi Aidan Bartolo, kif ukoll tordna li s-somma ta' tliet mitt ewro (€300) bhala depositu u elf ewro (€1000) bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datata 9 ta' Mejju 2017 biex dan il-kaz jigi trattata minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat l-atti processwali l-ohra kollha;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi ai fini ta' piena l-Qorti evalwat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u partikolarment illi l-imputat ikkommetta l-ewwel imputazzjoni wara li kien inghata l-helsien mill-arrest minn din il-Qorti fuq imputazzjonijiet ohra. Rat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fejn l-imputat kien gie kkundannat hmistax-il xahar habs sospizi ghal sentejn. Il-Qorti tosserva illi ghalkemm il-fedina penali tal-imputat mhix xi wahda refrettarja, wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni li l-imputat ghad ghandu biss dsatax-il sena u li l-ammont ta' qratas elevati minghand l-imputat ma kienx xi wiehed negligibbli.

Illi kif esprimew ruhhom kemm il-Prosekuzzjoni u wkoll id-Difiza, din il-Qorti ma tistghax titratta mal-imputat hlief b'sentenza ta' prigunerija effettiva.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, artikolu 28 B (1), 49, 50, u 579 (2) tal-Kodici Kriminali, qed issib lill-imputat hati, bhala recidiv, tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' **erbgha u ghoxrin xahar prigunerija effettiva u ghall-hlas ta' multa ta' elfejn Ewro (€2000)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' sittin Euro (€60). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika mal-Awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

In oltre, il-Qorti qieghdha ggib fis-sehh is-sentenza ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija li kienet giet sospiza ghall-perijodu ta' sentejn (2), u

tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' hmistax (15)-il xahar prigunerija,

**Ghalhekk b'kollox, permezz ta' din is-sentenza l-imputat Aidan Bartolo qieghed jigi kkundannat disa' u tletin xahar (39) xahar prigunerija effettiva.**

Fl-ahharnett, il-Qorti qieghdha **tirrevoka *contrario imperio* l-helsien mill-arrest tal-imputat**, li nghata permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 29 ta' Jannar 2016 u ghalhekk tordna li l-imputat jerga' jigi arrestat mill-gdid u **tordna li s-somma ta' elf u tlett mitt ewro (€1300) rapprezentanti depozitu u garanzija personali jigu konfiskati u jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.**

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**